MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Appell Civili Numru. 146/1989/3

**Cecil Pace u Henry Pace f'isimhom proprju u Cecil Pace bhala direttur u ghan-nom u in rapprezentanza**

**tas-socjeta' M.I.D.C. Limited**

**v.**

**Emanuel A. Bonello f' ismu proprju u bhala Kontrollur**

**u ghan-nom u in rapprezentanza ta'**

**Malta & Europe Hotels Limited u bhala direttur u ghan-nom**

**u in rapprezentanza ta' GHE Limited**

**u b'dikriet tas-7 ta' Ottubru 1996 gie kjamat in kwaza**

**Dottor Michele Martone u b'nota tal-24 ta' Jannar 2003,**

**Raymond Gatt bhala wiehed mill-partners**

**ta' "Gatt, Galea & Co" assuma l-atti ta' din il-kawza**

**minflok Emanuel A. Bonello nomine**

1. Dan huwa provvediment fuq żewġ rikorsi – it-tnejn tal-4 ta' Mejju 2015 – tal-atturi appellanti. Fl-ewwel rikors[1] qegħdin jitolbu illi jingħataw il-benefiċċju taħt l-art. 904 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili illi l-garanzija għall-ispejjeż tal-kawża li jrid l-art. 249 tal-istess kodiċi jagħtuha bil-ġurament; fit-tieni rikors[2] qegħdin jitolbu illi ż-żmien biex tingħata dik il-garanzija jiġi mġedded sa wara li tkun ingħatat deċiżjoni fuq l-ewwel rikors. Il-garanzija meħtieġa hija għal sitt mija u ħamsin euro (€650) dritt tar-reġistru u tmien mija u tletin euro (€830) dritt tal-avukat u tal-prokuratur legali, b'kollox elf, erba' mija u tmenin euro (€1,480).

2. It-talba fit-tieni rikors tista' tinftiehem f'zewġ modi: l-ewwel fis-sens li, peress li fi żmien previst mil-liġi ma rnexxielux iġib il-garanzija permezz

[1] *Fol.* 58.

[2] *Fol.* 54.

tas-solitu depożitu, jiġġedded iż-żmien biex tingħata l-garanzija permezz ta’ depożitu; it-tieni li jiġġedded iż-żmien biex tinghatha il-garanzija bil-ġurament.

3. Iż-żmien previst fl-Artikolu 249 sabiex issir il-garanzija permezz ta’ depożitu huwa wieħed perentorju u għalhekk ma jistax jiġi estiż minn din il-Qorti u għaldaqstant, in kwantu t-talba fit-tieni rikors tista’ tinftiehem bħala talba sabiex jiġi estiż dak iż-żmien, dik it-talba hekk intiża qegħdha tiġi miċħuda.

4. In kwantu t-talba fit-tieni rikors tista’ tinftiehem bħala talba biex jiġġedded iż-żmien biex tingħatha l-garanzija bil-ġurament il-Qorti sejra fl-ewwel lok tqis l-ewwel rikors, għax jekk it-talba f’dan ir-rikors tiġi miċħuda ssir inutli t-talba għal aktar żmien, waqt illi jekk tintlaqa’ it-talba bil-fors ikollu jingħata żmien għax l-atturi ma jistgħux jagħtu l-garanzija bil-ġurament qabel ma jkun ingħatalhom li jagħmlu hekk.

5. Ngħaddu mela biex inqisu l-ewwel rikors, dak biex lill-atturi jingħata l-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament taħt l-art. 904 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> “**904.** (1) Jista’ jingħata …… … lill-appellant il-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament, meta huwa juri *prima facie* li għandu *probabilis causa litigandi*, u jaħlef li ma rnexxilux iġib dik il-garanzija meħtieġa skont il-liġi.
>
> “(2) Il-qorti, fis-smigħ tar-rikors li bih jintalab biex il-garanzija tiġi mogħtija bil-ġurament, tista’ tidħol fil-meritu, sa fejn dan jista’ jiswa għad-deċiżjoni tal-kwistjoni dwar il-garanzija bil-ġurament.”

6. Tnejn huma l-elementi meħtieġa biex l-atturi jingħataw dan il-benefiċċju: (i) li juru illi ma seħħilhomx li jġibu garanzija fil-forma li trid il-liġi u (ii) li juru, imqar *prima facie*, illi għandhom *probabilis causa litigandi*.

7. L-atturi jfittxu li jagħmlu l-prova li ma seħħilhomx iġibu l-garanzija (a) bil-ġurament tal-attur Cecil Pace, (b) bil-ġurament ta' Michael Pace, (ċ) b'kopja tal-*audited accounts* tas-soċjetà *World Travel & Tourism Limited* għas-sena 2013, u (d) b'kopja ta' *statement* ta' kont li l-istess soċjetà *World Travel & Tourism Limited* għandha ma' *Bank of Valletta p.l.c.*

8. Għalkemm strettament il-provi (b), (ċ) u (d) ma humiex għal kollox relevanti, billi jirreferu għall-mezzi ta' soċjetà – *World Travel & Tourism Limited* – li ma hijiex parti fil-kawża, il-qorti tifhem illi nġiebu provi dwar dik is-soċjetà billi għandha rabta biżżejjed mal-atturi biex, li kieku kellha l-mezzi, kienet tagħti hi l-garanzija għall-atturi, u l-iskop tal-prova hu biex turi illi dawk il-mezzi ma għandhiex.

9. Il-qorti tosserva illi l-kont bankarju, li sejjaħnielu l-prova (d)[3], juri bilanċ attiv ta' ħamsa u sebgħin euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€75.28) biss. Madankollu l-bilanċ huwa daqshekk żgħir għax fl-4 ta' Mejju 2015 – proprju dakinhar li saru r-rikorsi tal-atturi – inġibdu elf u sitt mitt

3 Dok. J3, *fol.* 93.

euro (€1,600) mill-kont, li kienu jkunu aktar minn biżżejjed għall-għanijiet tal-garanzija.

10. Il-qorti tifhem illi seta' kien hemm raġuni urġenti u leġittima għala nġibdu dawk il-flus proprju dakinhar iżda f'dak il-każ kienet tistenna li għallinqas flimkien ma' kopja tal-*istatement* ikun hemm spjegazzjoni għal dan. Li taħlef li ma għandekx flus u bħala raġuni turi li proprju dakinhar il-flus ġbidthom biex inqdejt bihom għal ħaġa oħra bla ma tgħid dik il-ħaġa oħra x'kienet jixhed nuqqas ta' serjetà u, jingħad ukoll, nuqqas ta' rispett lejn il-qorti li hija mistennija temmen dak li, imqar mad-daqqa ta' għajn, jidher ferm suspettuż.

11. Għal din ir-raġuni l-qorti hija tal-fehma illi ma għandhiex temmen illi l-atturi ma setgħux iġibu l-garanzija li trid il-liġi, u l-ewwel rikors huwa għalhekk miċħud. Billi għalxejn jingħata żmien biex tingħatha garanzija bil-ġurament billi dak il-benefiċċju huwa miċħud, it-tieni rikors ukoll huwa miċħud.

12. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi l-Qorti qegħdha tiċħad it-talba għall-produzzjoni tal-kontrollur tas-socjeta` M.I.D.C. Ltd. u, wara li rat l-art. 209(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Qorti tiddikjara l-appell deżert. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallsuhom l-atturi.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------